

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Marzu 2005

li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005 854)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/270/KE)

(ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 325)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/896 tad-19 ta' Ġunju 2018	L 160	6	25.6.2018



## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Marzu 2005

**li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ**

*(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005 854)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/270/KE)

### *Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-formati għas-sistemi ta' bażi tad-dejta marbutin mal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ previsti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 94/62/KE.

### *Artikolu 2*

1. Flimkien mad-definizzjonijiet rilevanti msemmijin fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) kompost ifisser imballaġġ magħmul minn materjali differenti, u li ma jistgħux jiġu sseparati manwalment, li l-ebda materjal minnhom ma jeċċedi perċentwali partikolari skont il-piż;
- (b) skart mill-imballaġġ iġġenerat tfisser l-ammont ta' imballaġġ li jsir skart fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE <sup>(1)</sup>, wara li jkun ġie użat bħala kontenitur jew għall-ħarsien, l-immaniġġjar, il-kunsinna jew il-preżentazzjoni ta' prodotti;
- (c) skart tal-imballaġġ irkuprat" ifisser il-kwantità tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerata fi Stat Membru li tiġi rkuprata, irrespettivament minn jekk l-skart mill-imballaġġ huwa rkuprat fi ħdan l-Istat Membru, fi Stat Membru ieħor jew barra mill-Komunità;
- (d) skart ta' imballaġġ li ġie rkuprat jew maħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru tal-enerġija ifisser il-kwantità tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerata fi Stat Membru li tiġi rkuprata jew maħruqa f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija, irrespettivament minn jekk l-iskart tal-imballaġġ huwiex irkuprat jew maħruq f'impjanti għall-ħruq tal-skart b'irkupru ta' enerġija fi ħdan l-Istat Membru, fi Stat Membru ieħor jew barra mill-Komunità.
- (e) skart mill-imballaġġ riċiklat ifisser il-kwantità tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerata fi Stat Membru li ġiet riċiklata, irrespettivament minn jekk l-skart mill-imballaġġ huwiex riċiklat fi ħdan l-Istat Membru, fi Stat Membru ieħor jew barra mill-Komunità;

<sup>(1)</sup> ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39.

**▼B**

- (f) rata ta' l-irkupru jew ta' ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija għall-fini tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, tfisser il-kwantità totali tal-iskart mill-imballaġġ irkuprata jew maħruqa f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija diviża mill-kwantità totali tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerata;
- (g) rata ta' riċiklaġġ għall-fini tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE tfisser il-kwantità totali tal-iskart mill-imballaġġ irriċiklat diviża mill-kwantità totali tal-iskart iġġenerat mill-imballaġġ.

2. L-iskart iġġenerat mill-imballaġġ, imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, m'għandha tinkludi l-ebda tip ta' reżidwu mill-produzzjoni tal-imballaġġ jew mill-produzzjoni tal-materjali tal-imballaġġ jew minn kwalunkwe proċess ta' produzzjoni ieħor.

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ fi Stat Membru tista' titqies bħala ewkwivalenti għall-ammont tal-imballaġġ li jitpoġġa fis-suq fl-istess sena, fi ħdan dak l-Istat Membru.

*Artikolu 3*

1. Id-dejta għall-imballaġġ totali għandha tkopri l-imballaġġ kollu kif definit fl-Artikoli 2(1) u 3(1) tad-Direttiva 94/62/KE. B'mod partikolari għal materjali li nsibuhom fi kwantitajiet iżgħar u għal dawk mhux imsemmija f'din id-Deċiżjoni, jistgħu jintużaw stimi. Dawn l-istimi għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli u għandhom jiġu deskritti skont l-Artikolu 7.

2. Imballaġġ li jista' jerġa jintuża mill-ġdid għandu jitqies bħala prodott tas-suq meta jsir disponibbli għall-ewwel darba flimkien mal-prodotti li għandu l-għan li jkun ta' kontenitur għalihom, jew li jipproteġġi jew jimmaniġġa, jew li jintuża għall-kunsinna jew il-preżentazzjoni tagħhom.

Imballaġġ li jista' jerġa jintuża mill-ġdid m'għandux jitqies bħala skart mill-imballaġġ meta jintbagħat lura għall-użu mill-ġdid. Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża m'għandux jitqies li tpoġġa fis-suq bħala imballaġġ meta jkun ġie użat mill-ġdid ma' xi prodott u jsir disponibbli mill-ġdid.

Imballaġġ li jista' jerġa jintuża mill-ġdid li jintrema peress li jkun wasal fi tmiem il-ħajja utili tiegħu għandu jitqies bħala skart mill-imballaġġ.

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-iskart iġġenerat fi Stat Membru partikolari mill-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jista' jitqies bħala ewkwivalenti għall-ammont tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża li jitpoġġa fis-suq fi ħdan dak l-Istat Membru, fl-istess sena.

3. Imballaġġ kompost għandu jiġi rrapportat taħt il-materjal predominanti bil-piż.

Barra minn hekk, tista' tiġi pprovduta dejta separata dwar l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' materjali komposti fuq bażi volontarja.

**▼B**

4. Il-piż ta' imballaġġ li ġie riċiklat jew irkuprat għandu jkun ekwivalenti għall-kontribut tal-iskart mill-imballaġġ għal proċess ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ effettiv. Jekk lil-prodott ta' impjant għas-separazzjoni tal-iskart jintbagħat biex jgħaddi minn proċessi ta' reċiklaġġ jew ta' rkuprar effettivi mingħajr telf sinifikanti, wieħed jista' jikkunsidra dan il-prodott bħala l-piż tal-iskart mill-imballaġġ li ġie rkuprat jew irriċiklat.

*Artikolu 4*

1. L-iskart mill-imballaġġ esportat barra mill-Komunità għandu biss jitqies bħala rkuprat jew riċiklat jekk ikun hemm evidenza ċara li l-irkupru u/jew ir-riċiklaġġ saru taħt kundizzjonijiet li huma, b'mod ġenerali, ekwivalenti għal dawk preskritti mill-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar dan il-qasam.

2. Il-movimenti transkonfinali tal-iskart mill-imballaġġ għandhom ikunu konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 259/93 <sup>(1)</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1420/1999 <sup>(2)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1547/1999 <sup>(3)</sup>.

3. L-iskart mill-imballaġġ iġġenerat fl-Istati Membri l-oħra jew barra mill-Komunità, li jintbagħat lil Stat Membru għall-irkupru jew ir-riċiklaġġ m'għandux jitqies bħala rkuprat jew riċiklat f'dan l-istess Stat Membru, li ntbagħat l-iskart mill-imballaġġ.

*Artikolu 5*

1. It-piż tal-iskart mill-imballaġġ rkuprat jew riċiklat għandu jitkejjel bl-użu ta' rata ta' umdità naturali tal-iskart mill-imballaġġ li hija para-  
gnabbli mal-umdità ta' imballaġġ ekwivalenti li tqiegħed fis-suq.

Għandhom isiru korrezzjonijiet ta' dejta li tkejjlet dwar it-piż ta' skart mill-imballaġġ irkuprat jew riċiklat kemm-il darba r-rata ta' umdità tal-iskart mill-imballaġġ tkun differenti b'mod regolari u sinifikanti minn dik tal-imballaġġ li jinsab fis-suq u jekk hemm ir-riskju li dan il-fattur iwassal għal eċċessi jew nuqqasijiet kbar fl-istimi dwar ir-rati ta' irkupru jew riċiklaġġ tal-imballaġġ.

Dawn il-korrezzjonijiet għandhom jintużaw biss f'każijiet eċċezzjonali, li jinħolqu minħabba kondizzjonijiet tal-klima speċifiċi jew minħabba kondizzjonijiet oħra.

Il-korrezzjonijiet sinifikanti għandhom jiġu rrapportati fid-deskrizzjonijiet relatati mal-kompilazzjoni tad-dejta kif previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7.

2. It-piż tal-iskart mill-imballaġġ irkuprat jew riċiklat għandu, safejn dan ikun prattiku, jeskludi materjali mhux ta' imballaġġ li jinġabru flimkien mal-iskart mill-imballaġġ.

Għandhom isiru korrezzjonijiet lid-dejta relatata mal-piż tal-iskart irkuprat jew riċiklat jekk il-materjali li mhumiex ġeġjin mill-imballaġġ li jinsabu fl-iskart u li jinbghatu biex jgħaddu minn proċess ta' irkupru jew riċiklaġġ effettiv jistgħu jirriżultaw f'eċċessi jew nuqqasijiet kbar fl-istimi dwar ir-rati ta' irkupru jew riċiklaġġ tal-imballaġġ.

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 166, 1.7.1999, p. 6.

<sup>(3)</sup> ĠU L 185, 17.7.1999, p. 1.

**▼B**

M'għandhom isiru l-ebda korrezzjonijiet fil-każ ta' ammonti żgħar ta' materjali li mhumiex ġejjin mill-imballaġġ jew fil-każ ta' kontaminazzjoni bħal dik li tista' tinsab regolarment fl-iskart mill-imballaġġ.

Il-korrezzjonijiet sinifikanti għandhom jiġu rrapportati fid-deskrizzjonijiet relatati mal-kompilazzjoni tad-dejta kif previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7.

*Artikolu 6*

Id-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru fl-Artikoli 3, 4 u 5 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-iskart mill-imballaġġ maħruq fl-impjanti tal-ħruq tal-iskart bl-irkupru ta' enerġija.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jimlew it-tabelli li jinsabu fl-Anness fuq bażi annwali u jibagħtuhom lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi.

It-tabelli għandhom ikopru kull sena kalendarja sħiħa u għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, fi żmien 18-il xhar minn tmiem is-sena rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel din id-dejta disponibbli fuq websajt pubbliku.

Flimkien mat-tabelli li jkunu mlew, l-Istati Membri għandhom jibagħtu deskrizzjoni xierqa ta' kif id-dejta ġiet kompilata. Din id-deskrizzjoni għandha tagħti wkoll spjegazzjoni ta' kwalunkwe stimi li ntużaw.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri jistgħu jressqu, fuq bażi volontarja, dejta ulterjuri dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li tkun disponibbli.

Din id-dejta tista' tinkludi:

- (a) dejta dwar il-produzzjoni, l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' imballaġġ vojti;
- (b) dejta dwar imballaġġ li jista' jintuża mill-ġdid;
- (c) sottofrazzjonijiet speċifiċi tal-imballaġġ bħal pereżempju imballaġġ kompost;
- (d) il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' metalli tqal preżenti fl-imballaġġ fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 94/62/KE u l-preżenza ta' sustanzi li huma ta' ħsara u sustanzi u materjali perikolużi oħra fi ħdan it-tifsira tat-tielet inċiż tal-punt 1 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva;
- (e) skart mill-imballaġġ li huwa kkunsidrat bħala perikoluż minħabba l-kontaminazzjoni kkaġunata minn prodotti li jinsabu fih, fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE <sup>(2)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

**▼ M1***Artikolu 9*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-ġenerazzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trattament tal-iskart mill-imballaġġ billi jagħmlu użu mill-formati stabbiliti fit-Tabella 1, fit-Tabella 2 u fit-Tabella 3 tal-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief billi jagħmlu użu mill-format stabbilit fit-Tabella 4 jew fit-Tabella 5 tal-Anness, kif xieraq, għar-rappurtar abbażi tal-ġhadd, u billi jagħmlu użu mill-format stabbilit fit-Tabella 6 jew fit-Tabella 7 tal-Anness, kif xieraq, għar-rappurtar abbażi tal-piż.

**▼ B***L-Artikolu 10*

Id-Deċiżjoni 97/138/KE tħassret.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



## ANNEX

Tabella 1

**Kwantitajiet ta' skart mill-imballaġġ iġġenerati fl-Istat Membru u li ġew irkuprati jew maħruqa f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija fi ħdan jew barra mill-Istat Membru**

Materjal	Skart mill-imballaġġ iġġenerat	Li ġie rkuprat jew maħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija permezz ta'						
		Riċiklaġġ materjali	Forom oħra ta' riċiklaġġ	Riċiklaġġ totali	Irkupru ta' enerġija	Forom oħra ta' rkupru	Ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija	Total tal-irkupru u l-ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija
	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>
	<i>(a)</i>	<i>(b)</i>	<i>(c)</i>	<i>+(d)</i>	<i>(e)</i>	<i>(f)</i>	<i>(g)</i>	<i>(h)</i>
<i>Ħġieġ</i>								
<i>Plastik</i>								
<i>Karta u kartun</i>								
<i>Metall</i>	<i>Aluminju</i>							
	<i>Azzar</i>							
	<i>Total</i>							
<i>Injam</i>								
<i>Oħrajn</i>								
<i>Total</i>								

## Noti:

- Il-kaxxi bojod*: L-għoti tad-dejta huwa mandatorju L-istimi jistgħu jintużaw għalkemm għandhom ikunu bżazati fuq dejta empirika u spjegati fid-deskrizzjoni tal-metodoloġija.
- Il-kaxxi bi sfumatura ċara*: L-għoti tad-dejta huwa mandatorju, iżda stimi bejn wieħed u ieħor huma aċċettabbli. Dawn l-istimi għandhom jiġu spjegati fid-deskrizzjoni tal-metodoloġija.
- Il-kaxxi bi sfumatura skura*: L-għoti tad-dejta huwa volontarju.
- Għall-fini ta' din id-deċiżjoni, id-dejta dwar ir-riċiklaġġ materjali għall-plastiks għandu jinkludi l-materjal kollu li ġie riċiklat/riċiklat lura fi plastik.
- Il-kolonna (c) tinkludi kull forma ta' riċiklaġġ li tinkludi riċiklaġġ organiku iżda mhux ir-riċiklaġġ materjali.
- L-ammont fil-kolonna (d) għandu jkun is-somma tal-kolonna (b) u (c).
- Il-kolonna (f) tinkludi kull forma ta' rkupru bl-esklużjoni tar-riċiklaġġ u l-irkupru ta' enerġija.
- L-ammont fil-kolonna (h) għandu jkun is-somma tal-kolonna (d), (e), (f) u (g).
- Ir-rata ta' rkupru jew tal-ħruq tal-iskart f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija għall-fini tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE: Kolonna (h)/kolonna (a).
- Ir-rata ta' riċiklaġġ għall-fini tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE: Kolonna (d)/kolonna (a).
- Id-dejta għall-injam m'għandhiex tintuża biex issir evalwazzjoni tal-mira minima f'fisata ta' 15% tal-piż għal kull tip ta' materjal ta' imballaġġ, kif previst fl-Artikolu 6(1c) tad-Direttiva 94/62/KE, kif emendata mid-Direttiva 2004/12/KE.



Tabella 2

**Il-kwantitajiet ta' skart mill-imballaġ li ntbagħtu lil Stati Membri oħra jew li ġew esportati barra mill-Komunità għall-irkupru jew biex jiġu maħruqa f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija**

Materjal		Skart mill-imballaġ li ntbagħat lejn Stati Membri oħra jew li ġie esportat barra mill-Komunità għal				
		Riċiklaġġ materjali	Forom oħra ta' riċiklaġġ	Irkupru ta' enerġija	Forom oħra ta' rkupru	Ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija
		<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>
Ħġieġ						
Plastik						
Karta hu kartun						
Metall	<i>Aluminju</i>					
	<i>Azzar</i>					
	Total					
Injam						
Oħrajn						
Total						

Noti:

1. Id-dejta f'din it-tabella tirreferi biss għal kwantitajiet li suppost jingħaddew skond l-obbligi tad-Direttiva 94/62/KE. Id-dejta hija dejta sekondarja għal dik li diġà nġhatat fit-tabella 1. Din it-tabella tħejjiet għal raġunijiet ta' tagħrif biss.
2. *Il-kaxxi bi sfumatura ċara:* L-għoti tad-dejta huwa mandatorju, iżda stimi bejn wieħed u ieħor huma aċċettabbli. Dawn l-istimi għandhom jiġu spjegati fid-deskrizzjoni tal-metodoloġija.
3. *Il-kaxxi bi sfumatura skura:* L-għoti tad-dejta huwa volontarju
4. Għall-fini ta' din id-deċiżjoni, id-dejta dwar ir-riċiklaġġ materjali tal-plastiks għandu jinkludi l-materjal kollu li ġie rriċiklat lura fi plastiks.





Tabella 3

Il-kwantitajiet tal-iskart mill-imballaġġ iġġenerati fi Stati Membri oħra jew li ġew impurtati minn barra l-Komunità u li ntbagħtu lill-Istat Membru għall-irkupru jew għall-ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' enerġija

Materjal		Skart mill-imballaġġ iġġenerati fi Stati Membri oħra jew li ġie impurtat minn barra l-Komunità u li ntbagħat lill-Istat Membru għal:				
		Riċiklaġġ tal-materjali	Forom oħra ta' riċiklaġġ	Irkupru ta' enerġija	Forom oħra ta' rkupru	Ħruq f'impjanti għall-ħruq tal-iskart b'irkupru ta' ta' enerġija
		<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>	<i>Tunnellati</i>
Ħġieġ						
Plastik						
Karta jew kartun						
Metall	<i>Aluminju</i>					
	<i>Azzar</i>					
	Total					
Injam						
Oħrajn						
Total						

Noti:

1. Id-dejta f'din it-tabella hija pprovduta għal raġunijiet ta' tagħrif biss. Id-dejta la tinstab fit-tabella 1 u lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata biex biha jintlaħqu l-miri mfasslin mill-Istat Membru kkonċernat.
2. *Il-kaxxi bi sfumatura skura:* L-għoti ta' din id-dejta huwa volontarju.
3. Għall-fini ta' din id-deċiżjoni, id-dejta dwar ir-riċiklaġġ materjali tal-plastika għandu jinkludi l-materjal kollu li ġie rriċiklat lura fi plastiks.

▼ **M1****TABELLA 4****Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/896 (\*)**

L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq	
Li minnhom ta' ħxuna ta'	
< 15-il mikron	15 < 50 mikron

(\*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/896 tad-19 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief u li temenda d-Deċiżjoni 2005/270/KE (ĠU L 160, 25.6.2018, p. 6).

*Noti:*

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju

**TABELLA 5****Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obligatorji			
L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obligatorji kif dikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn taxxi, imposti jew levies obligatorji kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
(a)		(b)	
(a) + (b)			
Li minnhom ta' ħxuna ta'			
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron

*Noti:*

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju
3. Meta ma jkunx hemm eżenzjoni fis-seħħ, il-valur għal (b) għandu jiġi indikat bħala 0.

▼ M1

TABELLA 6

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq			
Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq		Piż medju ponderat għal kull basket tal-plastik ħafif kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
Li minnhom ta' ħxuna ta'		Ta' ħxuna ta'	
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju

TABELLA 7

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3(1)(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji					
Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif dikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		Piż medju għal kull basket tal-plastik ħafif kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
a		b			
a + b					
Li minnhom ta' ħxuna ta'					
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron	(a) 15 < 50 mikron	(b) 15 < 50 mikron

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju
3. Meta ma jkunx hemm eżenzjoni fis-seħħ, il-valur għal (b) ikun ugwali għal 0.